**MNUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Erbgħa (4)**

**13 ta' Awwissu 2024**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tiġrija. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija

**PREŻENTI:**

**Victor John Curmi- Sindku**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Christian Zammit- Kunsillier**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

**Aaron Agius- Viċi Sindku**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marion Attard – Segretarju Eżekuttiv



mc

Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ppresjeda l-laqgħa.

**4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

4.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

*Il-laqgħa ġiet sospiża hekk kif fil-laqgħa daħlu l-Arċipriet Rev Richard Farrugia u l-Viċi Arċipret Kan Michael Galea u aktar tard is-Sa Carmen Bajada.*

**4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 3**

4.2.1 Il-minuti tal-Lagħa Nru 3 ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati mill-membri tal-Kunsill wara li saru l-korezzjonijiet mitluba minn Dr Francienne Muscat u Dr Kevin Cutajar.

4.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffimati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**4.3 Komunikazzjoni tas-Sindku**

4.3.1 Is-Sindku rreferra għall-iskema tar-restawr tal-isqaqin maħruġa mill-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar fejn il-Kunsill kien applika biex jittranġa Trejqet George Cini. Is-Sindku spjega li kienu ntalbu numru ta' kjarifikazzjonijiet li kien qed jieħu ħsieb li jipprovdi l-Perit waqt li l-bord tal-evalwazzjoni elenka li fondi se jingħataw biex tittranġa nofs din it-trejqa biss peress li skont il-bord ma taqax taħt id-definizzjoni ta' sqaq. Is-Segretarju spjegat li qabel ma ġiet sottomessa l-applikazzjoni, il-Kunsill kien ikkomunika mad-Direttur ta' Eco Gozo u kien biss wara li ġie kkonfermat li l-Kunsill seta' japplika fuq din it-trejqa li mexxa bl-applikazzjoni. Wara li d-diskussjoni, l-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu li l-Kunsill għandu jappella permess tal-perit għal fatt li qabel ma ġiet sottomessa l-applikazzjoni l-Kunsill ħa ħsieb jivverifika jekk setax japplika fuq din it-trejqa.

4.3.2 Is-Sindku ssuġġerriexxa li Triq Spiera ma tingħalaqx aktar min-naħa t'isfel u tibda tingħalaq min-naħa mill-pjazza. Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat issuġġerriet li tingħalaq fejn Triq Il-Knisja tagħqad ma' Triq Bullara. Il-Kunsill iddiskutta u qabel mal-proposta tas-Sindku li tingħalaq min-naħa t'isfel tal-pjazza waqt li ssir tabella li tindika li hemm attivita' fil-pjazza kif issuġġerriet il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat.

4.3.3 Is-Sindku rrefera għas-siġar taż-żebbuġ fil-pots fil-playingfield u fil-ġnien fejn il-Mitħna ta' Kola. Is-Sindku spjega li dawn is-siġar ma jistgħux jieħdu r-ruħ fil-pot u



mc

għaldaqstant kien qed jipproponi li dawn is-siġar jitħawlu fil-ħamrija fil-ġnien fejn il-Mitħna. Il-Kunsillier Dr Cutajar irrimarka li wieħed għandu jara jekk dawn humiex siġar li jħammġu qabel ma jitħawlu u jara li ma jkunux imissu mal-bini tar-residenti. Is-Sindku spjega li s-siġar taż-żebbuġ hi waħda nadifa ħafna peress li ħadra s-sena kollha. Il-Kunsill qabel ma' dak propost mis-Sindku.

4.3.4 Is-Sindku rreferra għall-pjanijiet li għandu biex jittella' avveniment għall-familja mal-Ministeru tal-Agrikoltura, Sajd u Ħarsien tal-Annimali nhar is-Sibt 21 ta' Settembru 2024. Is-Sindku ssuġġerriexxa li dan l-avveniment għandu jittella' jew fil-Park tal-Qortin jew inkella fil-pjazza ta' fejn il-mużew tas-subien. F'din l-attivita' kien se jkun qed qed jiġi rreklamat ikel tipikament Malti bħaż-zalzett, kirxa, etċ. Is-Sindku spjega li l-ispiża ta' dan l-avveniment se tkun *sponsored* mill-istess ministeru. Il-Kunsilliera Leanne Micallef issuġġerriet li f'din l-attivita' l-Kunsill jara jekk hux possibli li jipparteċipaw il-band Cash & Band peress li fl-aħħar sentejn kienet il-band fl-End of Summer Fest.

4.3.5 Is-Sindku spjega li kienet ġiet skedata laqgħa fuq id-Dog Park nhar l-Erbgħa 21 t'Awwissu fid-9.30am. Is-Sindku spjega li kien qed jitlob *upgrade* tad-Dog Park fosthom li l-fence jogħla għax preżentament hu baxx ħafna, upgrade tal-equipment, il-post jinżamm aktar nadif u l-aċċess, *public toilet* u *play area* għat-tfal. Il-Kunsilliera Dr Muscat spjegat li anke hi kienet talbet laqgħa fuq dan. Il-Kunsilliera Muscat kienet qed tipproponi li jitħawlu aktar siġar, jsir *shading* u jkun hemm minn fejn jixorbu il-klieb. Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat talbet lis-Segretarju biex tara jekk din il-laqgħa tistax isir aktar kmieni jew li tkun tista' tidħol għal-laqgħa b'mod virtwali. Il-Kunsilliera Marion Portelli ġibdet l-attenzjoni fuq ilment fuq Facebook rigward dog bin fi Triq Marsalforn li nqala' riċentament.

## 4.4 Festa

4.4.1 Is-Sindku spjega li Vjal It-8 ta' Settembru fil-jiem tal-festa kienet se tkun qed tiġi mnaddfa mill-Ministeru t'Għawdex u għaldaqstant din it-triq ma ġietx inkluża fis-sejħa għall-offerti għat-tindif fil-jiem tal-festa.

4.4.2 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwotazzjoni tal-mobile toilets fuq trailer li li kienet tammonta 'il fuq €8,400 bil-VAT. L-Kunsill qabel li din kienet għolja ħafna. Is-Sindku ppropona li jsiru 3 *mobile toilets* fil-bandli fejn se jkunu armati tal-ikel u 4 fid-daħla tal-iskola wara li jinġieb permess mis-surmast tal-iskola. Il-Kunsillier Dr Cutajar spjega li fil-passat l-ilmenti kienu jkunu li l-latrina kienet bogħod miċ-ċentru tar-raħal. Il-Kunsilliera Leanne Micallef issuġġerriet li jsiru *mobile toilets* wara l-knisja waqt li l-Kunsillier Dr Christian Zammit irrimarka li wara l-Knisja jkunu hemm abbużi.

Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar irrefera għall-kamra fejn il-Mitħna ta' Kola li fil-passat kien ikun hemm l-għassa ġo fiha. Il-Kunsillier Dr Cutajar kien qed jipproponi li l-Kunsill jiċċekja biex jara lil min tappartjeni biex il-Kunsill jara jekk hux possibli li din

il-kamra tibda tinfetaħ u sservi bħala latrina. Il-Kunsill qabel li ż-żmien kien qasir ferm biex din tinfetaħ sal-festa imma kellu xorta jara għax setgħet isservi bħala latarina hekk kif bħalissa fiċ-ċentru tax-Xagħra m'hawnx latrina.

Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li għall-festa kellu jkun hemm 3 mobile toilets fil-playingfield, 2 fil-ġnien fejn il-Mitħna u 4 fid-daħla tal-ġnien tal-iskola wara li niktbu lis-surmast tal-iskola u naraw jekk hux lest li jikkopera .

4.4.3 Il-pjanta tal-kiosks fil-playingfield u fl-entratura għall-klabb tal-boċċi ġiet ippreżentata fuq il-mejda tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li s-sidien tal-kiosks kellhom jagħmlu l-arranġamenti neċessarji biex jkollhom id-dawl.

### 4.5 Inizjattiva Sportiva- European Week of Sports

4.5.1 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera Dr Francienne Muscat responsabbli mill-isports biex tispjega x'tixtieq li tittella' bħala attivita' biex b'hekk il-Kunsill jkun qed jipparteċipa fl-European Sports Week. Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat spjegat li kellha f'moħħha li tittella' *treasure hunt* għaż-żgħażagħ bejn it-tnax u d-dsatax-il sena. Il-parteċipanti kellhom jirreġistraw mal-Kunsill fi grupp ta' erba' membri. Il-Kunsilliera Marion Portelli ssuġġerriet li l-gruppi parteċipanti kellhom jinqasmu f'żewġ kategoriji skont l-eta'.

4.5.2 Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat stqarret li taħseb li għandu jkun hemm premjijiet apparti t-*tokens* li kienu se joffru Sports Malta. Is-Sindku ppropona li l-premju għall-grupp rebbieħ għandu jkun ta' €200 u l-premju għall-grupp li jiġi fit-tieni post kellu jkun ta' €100 għaż-żewġ kategoriji. Il-Kunsill qabel ma' dan. Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat kellha taħdem fuq post għall-paġna tal-Facebook tal-Kunsill.

### 4.6 Creative Europe Partner Search- France

4.6.1 Il-Kunsill iddiskutta il-korrispondenza li rċieva mingħand Ewropa Kreattiva fejn kienu qed jiġu mfittxija *partners* għall-proġett fuq wirt kulinari għall-ġenerazzjonijiet iżgħar. Il-Kunsill qabel li għandu jikkomunikaw ma' din l-aġenzija biex apparti li jinformahom li interessati jitlob għall-aktar informazzjoni.

4.6.2 Simili għal din is-sejħa kien hemm sejħa għall-partners minn aġenzija Spanjola rigward proġett fuq inklussjoni soċjal, aċċessibilta' u materji oħra. Il-Kunsill qabel li anke fuq din kellu jitlob għal aktar informazzjoni waqt li jikkomunika mal-aġenzija li l-Kunsill kien interessat.



mc

## 4.7 Bord ta' Evalwazzjoni- Sejħa għal Skrivan

4.7.1 Is-Sindku spjega li għas-sejħa ta' skrivan li ħarġet għal dawk li bħalissa jinsabu bla xogħol u qed jirreġistraw mal-Jobplus biex isibu xogħol, il-Kunsill kien irċieva żewġ applikazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li fuq il-bord tal-intervisti għal din is-sejħa kellhom joqogħdu s-Sindku Victor Curmi, il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar u l-Kunsilliera Marion Portelli.

## 4.8 Bord Evalwazzjoni_Kwotazzjoni TXLC/03/2024 – Street Cleaning for street cleaning during the Feast of Maria Bambina using a low emission service vehicle-

4.8.1 Is-Sindku spjega li din is-sejħa kienet tagħlaq fil-jiem li ġejjien u għaldaqstant issuġġerriexxa li fuq dan il-bord tal-evalwazzjoni kellhom joqogħdu is-Sur William Sultana, is-Sur Ivan Attard u l-Perit Johann Camilleri. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan.

## 4.9 Approvazzjoni Rapporti tal-Evalwazzjoni- Electric Van & Perit tal-Kunsill

4.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kemm l-evalwazzjoni għall-Electric Van u anke għall-Perit ma ġewx magħluqa hekk kif intalbu xi kjarifiki.

## 4.10 Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

4.10.1 Is-Sindku kif ukoll Dr Francienne Muscat rreferrew għall-fatt li l-Kunsill tax-Xagħra m'għandux Ambaxxatur taż-Żgħażagħ u għaldaqstant stqarr li għandha toħroġ sejħa għal dawk iż-żgħażagħ bejn is-sittax u tmintax-il sena fuq il-paġna soċjali tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 4.11 Charging Pillars

4.11.1 Is-Sindku rreferra għal-proposti li l-Kunsill kien irċieva mill-Ministeru Għall-Ambjent, L-Enerġija u r-Riġenerazzjoni Tal-Port Il-Kbir biex jiġu nstallati diversi *Charging Pillars* għall-karozzi tal-elettriku madwar ir-raħal. Il-Kunsill iddiskutta li fejn dawn jiġu nstallati dawn jnaqqsu mill-parkeġġ għaldaqstant ġew approvati biss parkeġġ wieħed għal *charging pillar* fi Triq Gajdoru u 2 parkeġġi fejn Calypso. Il-Kunsill ma qabilx li jsiru *charging pillars* fi Triq L-Għejun, Triq Sruġ, Triq San Ġorġ Preca, Triq Marsalforn u Triq John Otto Bayer.

## 4.12 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

4.12.1 Il-Kunsillier Dr Francienne Muscat staqsiet dwar meta kienet ser tittella' Festa Tfal. Is-Sindku spjega li din kienet pjanata għall-15 ta' Settembru. Il-Kunsilliera Dr Muscat talbet li ssir laqgħa biex tiġi ppjanat din l-attivita'. L-istess Kunsilliera talbet li tkun involuta fil-preparamenti u anke preżenti fil-laqgħa mal-kordinatur tal-korsijiet tas-sajf.

4.12.1 Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat staqsiet jekk kienx hemm xi *update* mill-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar kemm fuq Triq Stellini u Triq Ta' Karkar. Rigward Triq Stellini, is-Sindku spjega li hemm partijiet li jridu jiġi esproprjati u din l- esproprjazzjoni kienet għadha ma ġietx konluża. Is-Sindku kien tkellem mal-kuntrattur fejn għamel pressjoni biex jeħles is-servizzi, jagħmel il-bankini u jagħti passata biex jinqata' trab fejn m'hemmx kwistjoni ta' art li tappartjeni lil terzi. Eventwalent meta sseħħ l-esproprjazzjoni tal-art il-kuntrattur jkun jista' jkompli dawn il-partijiet ukoll.

Rigward Triq Ta' Karkar, is-Sindku spjega li s-sena li għaddiet kien ħarġet sejħa għall-offerti biex isir it-triq. Madanakollu dan it-tender qatt ma ġie evalwat peress li t-tender kien ħareġ suġġett għal fondi. Dawn il-fondi baqgħu qatt ma waslu pero' s-Sindku spjega li mil-laqgħa mal-Ministru t'Għawdex u l-Ippjanar jidher li l-Ministru hu kommess li t-triq isir wara li titlesta l-kostruzzjoni li għaddejja. Safrattant il-Kunsill kellu jirrevedi l-BOQ fuq din it-triq wara li jinħatar il-perit tal-Kunsill il-ġdid.

4.12.2 Il-Kunsilliera Dr Francienne Musat rreferriet għall-ilmenti li kien hemm fuq Facebook rigward nuqqas ta' *dog bins* fix-Xagħra. Is-Sindku spjega li kien qabbad il-kuntrattur biex iwaħħal *dog bin* fi Triq Marsalforn. Il-Kunsilier Dr Francienne Musacat talbet li *dog bins* isiru anke fi Triq Parisott, Triq Masri u Triq Il-Knisja fejn in-niċċa war li kien tneħħa riċentament.

4.12.3 Il-Kunsilliera Marion Portelli ressqet l-ilment dwar il-bżonn urġenti ta' traffic management għal Triq Marsalforn hekk kif fi tmiem il-ġimgħa karrozzi sewwieqa weħlu fit-traffiku għal aktar min-nofs siegħa. Is-Sindku spjega li t-traffic management ta' din it-triq kellha tkun waħda mill-ewwel xogħlijiet tal-perit il-ġdid kif ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti.

4.12.4 Il-Kunsilliera Marion Portelli rrefferriet għall-ammont ta' boroż tal-iskart li qed jitpoġġew fi Vjal It-8 ta' Settembru, faċċata tal-ispiżerija anke jekk twaħħlet tabella li minn jinqabad jiġi mmultat. Il Il-Kunsilliera Leanne Micallef stqarret li l-istess problema teżisti fi Triq Parisott kantuniera ma' Triq Ta' Karkar. Il-Kunsill iddiskutta li f'dawn il-każi għandu jmexxi b'rapport mal-ERA biex jassistu waqt li ġie diskuss li *CCTVs* jafu jkunu s-soluzzjoni.

4.12.5 Il-Kunsilliera Leanne Micallef stqarret li tħoss li hemm bżonn ta' aktar tindif fit-toroq u għaldaqstant kienet qed tissuġġerriexxa li jew naraw li jiżdiedu l-ħaddiema jew inkella l-kunsill għandu joħroġ *tender*. Is-Sindku spjega li t-tender jintela spiża



mu

sostanzjarja u hu kien qed jagħmel pressjoni kontinwa biex jiġu allokati aktar ħaddiema ġodda taħt l-iskema tal-*Community Workers* imma jidher li l-Kunsill kellu jistenna biex jidħlu ħaddiema ġodda taħt din l-iskema.

4.12.6 Il-Kunsilliera Marion Portelli ġibdet l-attenzjoni fuq Triq San Marzjan fejn hemm bżonn li jinqata' l-bużbież u ħaxix ħażin. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

4.12.7 Il-Kunsillier Dr Christian Zammit irreferra għall-invit minn San Michele Salentino fejn ġew mistiedna żewġ delegati mill-Kunsill u talbu risposta sal-għada, 14 ta' Awwissu. Il-Kunsill iddiskutta u kien deċiż li s-Sindku flimkien mal-Kunsillier Dr Christian Zammit responsabli mill-ġemellaġġi jattendu.

Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu li peress li kienu ser jinqabżu t-tlett siegħat mill-bidu tal-laqgħa u kien hemm materji mill-Agenda x'jiġu diskussi, il-laqgħa kellha tiġi sospiża u titkompla s-Sibt nhar is-Sibt 17 ta' Awwissu fit-8.30am.

Konfermati illum 26 ta' Settembru 2024

**Victor John Curmi**
**Sindku**

**Marion Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**